MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 14/2008

**Joseph Silvio**

**vs**

**Corinthia Palace Hotel Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Ottubru, 2008, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara dikjarazzjoni mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 3 ta' Ottubru 2005 mill-Avukat Dr. Marvic Debarro li bghatet din l-ittra ghan-nom ta' Joseph Silvio fejn intalab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.
>
> Joseph Silvio maghruf bhala l-appellanta kien assistita mill-Avukat Dr. Marvic Debarro u ghall-

Kumpanija Corinthia Palace Hotel Company Limited deheret Romina Pace assistita minn Dr. Vanessa Borg.

***Dikjarazzjonijiet tal-Kaz***

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien ilu jahdem mal-kumpanija Corinthia Palace Hotel Company Limited ghal diversi snin u ma gietx segwita il-procedura tat-tkeccija tant li ma inghatx l-opportunita li jaghti l-versjoni tieghu l ghaliex gie imkecci u kif ukoll ir-ragunijiet ghalfejn gie imkecci mhumiex skond kif titlob il-Ligi.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjieg ta' Joseph Silvio gie terminat minhabba li hu kien responsabbli minn diversi swimming pools u ghandu jirrizulta illi xi swimming pools kienu fi stat hazin hafna ta' indafa u wara li l-kumpanija ghamlet l-investigazzjonijiet interna taghha keccietu mill-impjieg u dan wara diversi warnings kif ukoll diskussjonijiet mal-Unions.

***PROVI***

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Christopher Spiteri li xogholu kien il-Manager tal-Lido Operation fejn iddikjara illi il-main pool tal-Hotel Corinthia San Gorg gie certu Jamal li huwa konsulent biex jaghmel testijiet fuq il-pool sabiex jiehu samples waqt li hu stess ha xi ritratti tal-algae u dan wara li kellu diversi ilmenti minn nies li juzaw il-pool. Kien xoghol Joseph Silvio li jassigura li l-pools kienu nodfa u hu stess ikkonferma li l-pools ma kienux nodfa.

Xehed Konrad Cassar li huwa Assistant Maintenance Manager li minn samples li ha irrizulta illi l-pool kellu l-P.H. Level u l-Chlorine kienu hazin hafna. Gie mghajjat Jamal u ha s-

samples relattivi tal-pools kollha. Meta ttiehdu dawn is-samples Joseph Silvio ma kienx prezenti.

Xehed Frank Pullicino li kien id-Direttur tax-Xoghol fejn stqarr li kien hemm diskussjoni dwar iddismissal ta' Joseph Silvio u ppruvaw isibu soluzzjoni pero jiftakar illi l-laqgha ma wasslet imkien.

Xehed ukoll Josef Bugeja Segretarju tat-Taqsima Ospitalita u Ikel tal-General Workers Union fejn stqarr illi huwa s-segretarju li jirraprezenta l-haddiema li jahdmu fil-Corinthia San Gorg. Talab lill-kumpanija li l-procedura dixxiplinarja tkun skond il-collective agreement u jinhatar panel intern fejn gie infurmat illi ma hemmx ghalfejn jiltaqghu.

Xehedet Romina Pace li hija l-Human Resources Manager tal-Corinthia San Gorg Marina Hotels fejn xehedet illi l-ahhar gurnata ta' Joseph Silvio kienet 9 ta’ Gunju 2005 fejn l-ewwel Joseph Silvio gie sospiz ghax ma kellhomx il-fatti kollha f’idejhom. Ma taqbilx li kien hemm xi ftehim li kellu isir Internal Tribunal Panel. Ukoll l-Internal Tribunal isir meta ma hemmx l-affarijiet cari.

Xehed Sean McCarthy li kien il-General Manager tal-Corinthia San Gorg fejn qal li l-pools tal-Hotel ma kienux nodfa u kien Joseph Silvio li kien responsabbli ghall-indafa taghhom. Stqarr ukoll illi kien hemm diskussjonijiet mal-Union pero peress li l-kas kien car Joseph Silvio tkecca immedjatament.

Xehed Jamel Haider li huwa imqabbad mill-kumpanija Corinthia Group Palace Hotel sabiex kull xahar jaghmel testijiet fuq il-pools u f’din il-kwistjoni gie imqabbad sabiex jiccekkja il-main pool fejn wara li ghamel testijiet irrizulta illi kien hemm diversi nuqqasijiet. Xehed ukoll illi din ma kintex l-ewwel darba li sab n-nuqqasijiet u li ma

kinetx l-ewwel darba li kien kellhem lil Joseph Silvio dwar din il-problema.

Xehed Dominic Attard li huwa s-Security Manager fil-Corinthia Group fejn xehed illi kellu jcempel lill-pulizija sabiex jeskortaw lil Joseph Silvio l-barra mill-Hotel ghax ma riedx jitlaq.

Regghet xehedet Romina Pace fejn ikkonfermat il-kronologija tal-laqghat.

Xehed ukoll Raymond Mangion General Manager tat-Technical Division tal-Corinthia Hotels International fejn xehed illi kien jaf bl-incident tat-tkeccija ta’ Joseph Silvio u rega’ xehed Jamal Haider fejn spjega fid-dettal ir-rapport tekniku tieghu.

Xehed Joseph Dimech li huwa d-Director tal-Human Resources tal-Corinthia Palace Hotel Co Ltd fejn spega x'kien l-involviment tieghu fil-kas u qal li hass li ma kienx hemm bzonn li jlaqqa Tribunal Intern. Saret laqgha ma’ medjatur Joseph Grima pero l-laqgha kienet inkonkluzziva.

Saru noti ta' sottomissjonijiet min-naha taz-zewg partijiet.

***KUNSIDERAZZJONIJIET***

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li qieghed jemmen illi Joseph Silvio naqas serjament milli jwettaq ix-xoghol moghti lilu. Dan qieghed jinghad kemm mir-rapporti li gew ipprezentati kif ukoll mill-fatt li l-istess Joseph Silvio ma rribattiex l-provi prodotti kontra tieghu.

It-Tribunal ser jidhol fil-kwistjoni ukoll jekk il-principal segwa l-procedura tal-Ftehiem Kollettiv. Fl-ewwel lok jaghmilha cara illi dan il-kas jaqa' taht l-artiklu 19E u t-Tribunal huwa konvint li kien

hemm diskussjoni jew konsultazzjoni mal-Union fuq il-kas pero l-principal f'dan il-kas ghandha l-kelma finali u hu ghandu jiehu d-decizjoni u ghalhekk it-Tribunal ihoss illi din il-procedura giet segwiea. Ta' min isemmi illi d-diskussjoni setghet kienet aktar ampja qabel id-decizjoni u mhux wara d-decizjoni. Ghar-rigward l-artiklu 20 tal-Ftehim Kollettiv dan il-kas ma jaqax taht il-grevience procedure ghax il-kas kien solvut bid-decizjoni tal-principal.

It-Tribunal ihoss illi s-socjeta Corinthia Palace Hotel Company Limited kienet gustifikata illi tkecci lil Joseph Silvio kif ukoll li s-socjeta Corinthia Palace Hotel Company Limited mexa skond il-procedura tal-Ftehiem Kollettiv.

***Decizjoni***

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija Corinthia Palace Hotel Company Limited kien gustifikat li jkecci lil Joseph Silvio mix-xoghol kif ukoll li l-istess kumpanija mxiet mal-procedura tal-Ftehiem Kollettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u erbghin euros (euros 93).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."

Appella minn din id-decizjoni r-rikorrenti Joseph Silvio bl-aggravji li gejjin:-

(1) It-Tribunal ikkummetta ingustizzja manifesta fil-konfront tieghu meta cahhdu mid-dritt li jressaq il-provi okkorrenti fuq l-allegata tkeccija ingusta tieghu mill-impjieg;

(2) It-Tribunal ghamel interpretazzjoni zbaljata tal-klawsoli 19E u 20 tal-Ftehim Kollettiv u applikahom b'mod hazin;

Ghalkemm dan ma jghidux espressament, bl-ewwel motiv ta' aggravju l-appellanti jressaq ipotesi ta' nullita` tas-sentenza minhabba vjolazzjoni ta' l-attivita` processwali. Senjatament, il-lezjoni tal-principju tas-smigh xieraq fejn jikkoncerna l-mertu u r-raguni tal-licenzjament tieghu mill-kumpanija. Mhux ukoll in kwantu jirrigwarda l-ilment l-iehor tieghu illi l-kumpanija ma segwietx il-procedura dixxiplinarja interna skond il-Ftehim Kollettiv;

Ghall-accertament jekk kienx hemm l-allegata vjolazzjoni mit-Tribunal tal-principju surreferit hu necessarju illi jittiehed qies ta' l-argomenti li fuqhom hi artikolata d-decizjoni attakkata. Jidher mill-qalba tad-decizjoni illi l-konkluzjoni tat-Tribunal li l-appellanti ma pprestax id-doveri tieghu tirpoza fuq zewg konsiderazzjonijiet, u cjoe, (i) ir-rapporti esebiti, u (ii) li l-appellanti ma rribattiex il-provi prodotti kontra tieghu. Hu proprju fuq din l-konsiderazzjoni ta' l-ahhar illi l-kontestazzjoni ta' l-appellanti hi diretta. Fil-konciz, huwa jissottometti illi t-Tribunal wara li sema' dak li hu kellu xi jghid dwar l-allegat ksur tal-proceduri dixxiplinarji ddifferixxa l-kaz ghall-provi tas-socjeta` intimata u, eventwalment, ghadda ghad-decizjoni minghajr ma kkoncedilu jressaq provi biex jikkontrasta r-raguni tat-tkeccija tieghu;

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tinvesti dan il-gravam huwa, forsi, xieraq illi jigi, preliminarjament, rilevat illi, in linea ta' massima generali, il-gudizzju fuq l-ammissibilita` u r-rilevanza tal-provi, basta, s'intendi, jigu rikjesti li jitressqu,

ghandu jkun ispirat minn esigenzi ta' razzjonalita` u ta' ekonomija processwali rientranti fl-apprezzament diskrezzjonali tal-gudikant. In partikolari, pero`, il-gudikant ghandu jikkonsenti lil kull wahda mill-partijiet fil-kawza l-possibilita` li tressaq il-provi fil-mertu u li taghmel l-assunti taghha, anke permezz ta' noti difensivi. Dan, ukoll, fejn it-tribunal li jkun huwa awtorizzat li jirregola l-procediment quddiemu bil-mod li jidhirlu opportun. Naturalment, huwa importanti li jigi sottolinejat illi l-poter disposittiv tal-ghazla tal-mezzi ta' difiza huwa tal-partijiet u hu mholli fl-inizzjattiva taghhom li jgibu a konjizzjoni tat-tribunal il-provi li huma jidhrilhom adegwati ghas-sostenn ta' l-allegazzjoni ta' fatt jew, bhal f'dan il-kaz, ta' l-aggravju u tal-kontestazzjoni ghalih;

Issa minn ezami anke superficjali ta' l-atti tal-process ma jidherx, fil-fehma tal-Qorti, illi t-tezi ta' l-appellanti ta' l-allegat ksur tal-principju predett tinsab ikkonfortata. Huwa veru illi ghal ben tliet udjenzi – 24 ta' April, 2006, 15 ta' Mejju, 2006 u 23 ta' Ottubru, 2006 – l-appellanti ressaq il-provi tieghu limitatament fuq il-punt ta' l-allegat ksur tal-proceduri dixxiplinari interni. Huwa wkoll veru illi in segwitu t-Tribunal ghadda biex jisma l-provi tas-socjeta` intimata. Dan pero` sar wara li l-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet taghhom dwar kif ghandu jkompli jigi stradat is-smigh tal-kaz. Ara verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2006 (fol. 123). Jibqa' l-fatt illi skond il-verbal ta' l-ahhar udjenza effettiva tas-26 ta' Novembru, 2007 (fol. 328), konformement ghad-dikjarazzjonijiet verbalizzati fl-udjenza precedenti tad-9 ta' Lulju, 2007 (fol. 291), maghluq il-kontro-ezami tax-xhud Joe Dimech, il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi u l-kawza thalliet ghall-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet u wkoll ghal xi sottomissjonijiet ulterjuri li l-partijiet xtaqu javvanzaw, kif hekk, difatti, sehh. Ara verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2008 (fol. 367);

Huwa evidenti minn dawn id-diversi verbali illi ma tirrizultax ic-censura ventilata mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu illi huwa pprotesta ripetutament mat-Tribunal

li kien ghad baqalu provi x'jipproduci u li dan cahhdu milli jressaqhom.  Kieku kien hekk il-kaz wiehed kien jistenna li sew fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet jew f'xi udjenza sussegwenti ghal dik tas-26 ta' Novembru, 2007, l-appellanti kien jimmanifesta l-gravam tieghu illi l-istruttorja tal-kaz inghalqet minghajr ma thalla jressaq provi u deduzzjoni fil-mertu tal-kwestjoni tat-tkeccija ingusta. Jekk xejn, biex jikkonfuta d-dikjrazzjoni verbalizzata f'dik l-istess udjenza illi l-partijiet ma ghandhomx aktar provi. Mhux ragonevoli li issa l-appellant jittanta f'dan l-istadju inoltrat jikkontesta r-rizultanzi tal-verbali ta' l-udjenzi b'allegazzjoni li mill-atti ma tirrizultax.  Dan anke ghaliex dawk il-verbali jaghmlu fidi tal-kontenut taghhom u, kif inhu maghruf, jorbtu lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazi-kuntratt gudizzjali.  Ara "**Farmacista Giuseppe Debono -vs- Giovanna Debono**", Appell Civili, 13 ta' Marzu, 1953 u "**Direttur ta' l-Agrikoltura -vs- Remigio Galea**", Appell Civili, 30 ta' Marzu, 1987.  L-ewwel aggravju qieghed, konsegwentement, jigi skartat;

Ghall-istharrig tat-tieni motiv ta' aggravju l-Qorti trid titlaq mill-osservazzjoni illi l-Ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b'mod generali r-rapporti tax-xoghol ta' kategorija ta' haddiema bl-intervent tal-Union li tirrapprezentahom.  Huwa kuntratt importanti hafna mhux biss ghal kontenut tal-kondizzjonijiet tax-xoghol pattwiti fih imma ghaliex, fundamentalment, dawk l-istess kondizzjonijiet u d-dixxiplini l-ohra tieghu ghandhom jitqiesu r-regoli ta' gudizzju li jridu jigu assunti meta tinsorgi xi kwestjoni jew problema bejn l-interessati.  In kwantu kuntratt, il-Ftehim Kollettiv irid jigi interpretat skond l-istregwa tad-dritt komuni u tal-kriterji ordinarji ta' l-ermenewtika kontrattwali, ghalkemm anke hawn, wiehed ma jridx lanqas ihalli jisfuggi mill-vizjoni l-funzjoni tipika tar-regolamentazzjoni tan-normi partikolari applikabbli ghas-settur, u allura ghal dik il-prospettazzjoni interpretattiva li ttendi ghall-kriterju ta' l-armonija tal-kumpless tad-disposizzjonijiet tieghu u tal-volonta komuni f'rapport tax-xoghol;

Fil-kaz in ezami l-Ftehim Kollettiv jiddisponi ghal mod kif is-sanzjonijiet dixxiplinari fil-konfront ta' l-impjegat ghandhom ikunu regolati u mharsa. Dan jaghmlu fl-artikoli 19E u 20 tieghu kif hawn taht riprodotti:-

*19E – "If the Company, in consultation with the Union representative, is satisfied that the employee is guilty of such misconduct, the employee may be dismissed instantly";*

*20 – "In case of dismissal, a panel consisting of a Chairman, independent member (to be agreed to by the Company and the Union), a Union Representative (to be advised) and a Company representative (to be advised) will be set up. Should the Company and the Union do not agree on the dismissal of the employee and an issue will remain unsolved, such dismissal must be brought to the attention of the Internal Tribunal Panel. This panel will analyse the issue and suggest recommended course of action."*

Fil-hsieb tal-Qorti l-interpetazzjoni akkordata mit-Tribunal lil dawn iz-zewg artikoli tal-Ftehim Kollettiv hi ta' superficjalita` esasperanti. Huwa leggerment jiddisponi minnhom bl-affermazzjoni illi kien hemm konsultazzjoni mal-Union fuq il-kaz pero` gjaladarba l-principal ghandu l-kelma finali, *ergo*, u *quod erat demonstrandum,* il-procedura giet ottemperata bid-decizjoni tal-principal;

M'hemmx dubbju illi l-adozzjoni ta' sanzjoni dixxiplinarja, kompriza wahda ta' licenzjament ta' l-impjegat, hi mhollija dejjem fil-potesta diskrezzjonali ta' min ihaddem. B'daqshekk ma jfisserx illi dik id-diskrezzjoni tieghu ma tistax tigi attakkata jekk jinstab illi l-mekkanizmu procedimentali intern, ikkontemplat bil-Ftehim Kollettiv, ma giex konsegwit jew, altrimenti, sodisfatt. Veru li l-gudizzju, meta jsehh kaz ta' infrazzjoni jew ta' xi illecitu mill-impjegat, hu f'idejn il-principal. Daqstant iehor pero` hu veru wkoll illi dak il-principal, fil-kaz ta' kontestazzjoni mill-impjegat ta' l-addebitu lilu ta' dik l-infrazzjoni jew

illecitu, ma jistax jevita jew jeskludi r-ritwal procedimentali stipulat fil-Ftehim Kollettiv u hekk intiz biex jaghti lill-impjegat inkolpat il-possiblita li jiddefendi ruhu. Fil-kaz in disamina l-kumpanija appellata kellha hi wkoll thares, u wkoll tosserva, b'mod rigoruz, il-provvedimenti hawn fuq riportati tal-Ftehim Kollettiv *de quo*;

Fl-ispecifiku, il-Qorti, imbaghad, tikkondividi pjenament l-interpretazzjoni offruta mill-appellanti fis-sens illi l-artikolu 19 hu applikabbli meta jkun hemm konkordanza ta' fehma bejn il-principal u l-Union u, fin-nuqqas ta' qbil, jiskatta l-provvediment ta' l-artikolu 20. Anke jekk unikament fuq il-bazi tal-valutazzjoni tal-provi wkoll id-decizjoni tat-Tribunal hi ghal kollox errata. Dan johrog car mit-tifsira tax-xhieda in kontro-ezami ta' Shaun McCarthy, ex-General Manager tal-kumpanija appellata, a fol. 189 *et sequitur.* Effettivament meta inharget l-ittra tal-licenzjament tad-9 ta' Gunju, 2005 (ara kopja a fol. 26), gurnata wahda biss fuq dik tas-sospensjoni mill-impjieg ta' l-appellanti, l-Union kienet ghadha ma gietx ikkonsultata. Ix-xhud Josef Bugeja, Segretarju Taqsima Ospitalita` u Ikel tal-General Workers Union, jghid illi nzammet laqgha fl-10 ta' Gunju, 2005 meta allura l-kumpanija kienet diga ddecediet il-licenzjament ta' l-appellat, tant li hu nnifsu hassu offiz b'dan l-agir (ara deposizzjoni a fol. 71 *et sequitur*). Fiz-zgur, imbaghad, ma ntlahaq ebda qbil li l-appellanti jitkecca tant li l-Union ippressat ghall-procedura mahsuba bl-Artikolu 20 tal-Ftehim Kollettiv;

Minn dan dedott l-interpretazzjoni legali tat-Tribunal u l-apprezzament tieghu tal-mertu ma jistghux jigu kondivizi mill-Qorti in kwantu mhux lanqas konformi ghal previzjoni kontrattwali tal-procedura dixxiplinarja fil-Ftehim Kollettiv. Il-Qorti, kif ippresjeduta, kienet diga` okkupat ruhha fuq it-tema hawn dibattuta fil-kaz fl-ismijiet "**Carmel Schembri -vs- Enemalta Corporation**" deciz fl-1 ta' Novembru, 2006. Fost konsiderazzjonijiet ohra, fiha gie osservat hekk:

"Tezisti certament raguni generali ta' bwona fede u ta' korrettezza li l-kontestazzjoni bejn min ihaddem u l-

impjegat tigi mistharrga mill-Kumitat dixxiplinarju u skond il-mekkanizmu lilu garantit mill-ftehim. Innegabilment, ir-*ratio* wara l-inseriment fil-ftehim kollettiv tal-procediment ta' dixxiplina kien objettivament dak li jqieghed fl-interess tal-haddiem inkolpat limiti precizi fuq id-diskrezzjonalita` ta' min ihaddem fl-ezercizzju tal-poter dixxiplinarju tieghu. Dan, fil-kaz prezenti, ma jidherx li gie hekk imhares";

Ugwalment, dan jista' jinghad ukoll fil-kaz prezenti. Fic-cirkustanzi, l-appellanti ghandu jitqieghed fil-qaghda *ante quo* d-decizjoni mill-kumpanija appellata tal-licenzjament tieghu b'mod li hu jkun fakoltizzat jipprevalixxi ruhu mir-rimedju procedurali statutorju kontemplat bil-Ftehim Kollettiv.

Ghal dawn il-motivi u tal-konsiderazzjonijiet suesposti din il-Qorti qed tilqa' t-tieni kap ta' aggravju sottomess mill-appellanti bl-appell tieghu, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddeciedi illi l-kumpanija appellata ma segwietx id-dettami tal-Ftehim Kollettiv f'dik li hi l-procedura tat-tkeccija mill-impjieg ta' l-appellanti. L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jitbatew mis-socjeta` appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------